30 ta' Awissu, 1947.

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Imħallef:

Dolores Agius *versus* Filippo Cachia et.

## Legat — Kondizzjoni — "Modus".

*Hemm differenza kbira bejn il-kawża impellenti ta' dispożizzjoni testamentarja u kondizzjoni vera u proprija.*

*Il-kelma "kondizzjoni" ma tikkwalifikax assolutament id-dispożizzjoni fejn tkun ġiet użata bħala neċessarjament kondizzjonali; għax il-kondizzjonijiet ta' spiss jiġu konfużi mal-kariki u oneri li t-testatur jimponi; b'mod li t-terminu "kondizzjoni" jkun ħafna drabi ekwivoku.*

*Għalhekk, biex tiġi stabbilita n-natura ġuridika tad-dispożizzjoni li tkun in kwistjoni, u ċjoè jekk hix kondizzjonali jew modali, huwa importanti l-ewwelnett li tiġi eżaminata d-dispożizzjoni fis-sustanza tagħha, u mhux superfiċjalment, kif ukoll l-istruttura tal-kliem użati u ċ-ċirkustanzi ta' fatt tal-każ li jkun.*

*Fil-każ li bl-interpretazzjoni skond ir-regoli legali ma jkunx possibbli li wieħed jasal għal deċiżjoni, minħabba d-dubju, jekk id-dispożizzjoni hix kondizzjonali jew modali, għandu jiġi riżolut favur il-"modus" anzikkè favur il-kondizzjoni.*

*Fid-dispożizzjonijiet modali hija ammessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża; fis-sens illi jekk il-gratifikat ma jadempix il-mo-*

*dalità għal xi raġuni tajba, li ma tiddimostrax dalo jew kolpa, il-gratifikat ma jiddekadix mil-liberalità.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attriċi li, wara li ppremettiet li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-imsemmija Paola Cachia, b'testment għand in-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-11 ta' Marzu 1932 (dok. A), kienet ħalliet lill-attriċi bħala prelegat il-ġardinetta "ta' fuq it-Troli", Ħaż-Żebbuġ, li fiha ċirka erbgħa sigħan (4 m.), bil-kondizzjoni li hija tibqa' xebba sal-mewt tat-testatriċi u tibqa' tabita magħha; u billi b'testment ieħor fl-atti tan-Nutar Nicola Said tas-27 ta' Gunju 1942 (dok. B) l-imsemmija testatriċi biddlet u immodifikat dak il-prelegat fissens li l-attriċi kellha tieħu l-ġardinetta avvolja kienet iżżewġet, bil-patt li tibqa' tipprestalha serviġi u kuri sal-ġurnata tal-mewt tagħha, jiġifieri tat-testatriċi; u billi dina l-kondizzjoni tas-serviġi avverat ruħha, iżda l-eredi ma jridux jeżegwixxu dak il-prelegat; talbet li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jipprestaw lill-attriċi, għall-kwota tagħhom mill-wirt, il-prelegat fuq imsemmi u jimmettuha fil-pussess tal-ġardinetta fuq deskritta; u għal dan il-fini jiġu nominati nutar biex jirċievi l-att relativ u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi — għalkemm, kif jiġri kważi dejjem, ma jistax dwarhom ma jiġix notat l-element uman ta' l-interess partikulari — jirriżulta in linea ġenerali li l-attriċi, meta kienet xebba d-dar kienet il-bastun ta' ommha, mara kbira u apopletika, u fl-istess ħin sostenn, billi sservi liż-żewġ ħutha ġuvintur Pinu u Mabbli aħwa Cachia..............;

Tikkunsidra;

Illi minn dawn il-fattijiet, mentri l-attriċi tassumi li għandha dritt għall-pussess tal-legat, il-konvenuti jgħidu li hija ddekadiet minnu;

Illi jingħad li ma hemmx bżonn li jiġi aċċentwat u korroborat b'awtorità li bejn il-kawża impellenti ta' dispożizzjoni testamentarja u kondizzjoni vera u proprja hemm differenza kbira;

Illi jingħad ukoll, in tema ġenerali, li huwa paċifiku fid-

dottrina u l-ġurisprudenza, illi l-kelma "kondizzjoni" per sè ma tikkwalifikax assolutament id-dispożizzjoni fejn tkun ġiet użata bħala neċessarjament kondizzjonali. Fil-verità, il-kondizzjonijiet ta' spiss jiġu konfużi mal-kariki u oneri li t-testaturi jimponu, b'mod li t-terminu "kondizzjoni" jkun ħafna drabi ekwivoku;

Illi sabiex tiġi stabbilita n-natura ġuridika tad-dispożizzjoni li tkun in diskussjoni, u ċjoè dwar jekk hijiex jew le kondizzjonali jew modali, huwa importanti l-ewwelnett li jiġu eżaminati d-dispożizzjonijiet fis-sustanza tagħhom, u mhux superfiċjalment ("in conditionibus testamentariis potius voluntatem quam verba considerari oportet"), kif ukoll l-istruttura tal-kliem użati u ċ-ċirkustanzi "di fatto" tal-każ li jkun, salv li wara dan l-eżami, jekk ikun hemm bżonn, ma jiġux traskurati l-massimi tad-Dritt Ruman u tad-dottrina unanimi ta' l-awturi, li fin-nuqqas taċ-ċirkustanzi "di fatto" jistgħu jservu sabiex jagħtu dawl lit-tribunal; u fil-każ li bl-interpretazzjoni skond ir-regoli legali mhux possibili li wieħed jasal għal deċiżjoni, minħabba fid-dubju, l-istess għandu jiġi riżolut favur il-"modus" anzikkè favur il-kondizzjoni. Il-Fierli, fid-"Doctorum Theoricae", "in subjecta materia", meta jikkommenta t-teorika ta' l-Aretino, in Leg. Titia, 134 ff. de verborum obligatione", fil-verità jgħid :— "Ad dignoscendum vero an modus vel conditio adposita fuerit, inspici debet substantia dispositionis, non cortex et structura verborum; et in dubio verba potius ad modum quam ad conditionem referenda sunt";

Illi fil-każ in eżami, id-dispożizzjoni li fuqha l-kontendenti qegħdin jikkwistjonaw hija dik kontenuta fl-artikolu tmienja tat-testment tad-decujus, minnha magħmul fl-attijiet tan-Nutar Nicola Said fis-27 ta' Ġunju 1942; u partikolarment l-istess kwistjoni tirraġġira ruħha fuq il-kliem :— "............... il-ġardinetta Ħaż-Żebbuġ, imsejħa "ta' Fuq it-Troll", fis-sens illi dana l-prelegat tal-ġardinetta jiġi meħud mill-imsemmija prelegatarja Dolores, il-lum mart Carmelo Agius, avvolja tinsab miżżewġa, bil-kondizzjoni però illi l-istess Dolores Agius għandha tibqa' tippresta s-serviġi u kuri lit-testatriċi sal-ġurnata tal-mewt ta' l-istess testatriċi". F'dak l-istess artikolu, li kien intiż jimmodifika u jbiddel l-artikolu sebgħa

tat-testment preċedenti tad-decujus, magħmul fl-attijiet tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-11 ta' Marzu 1932, għandna riferenza u konsegwenti spjegazzjoni li mingħajrha ma tistax tiġi spjegata s-sustanza ta' l-istess dispożizzjoni in eżami, u li kwindi għalhekk huwa, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, suġġeribili li tiġi kwotata. Fl-art. 7 ta' l-ewwel tavoli testamentarji tagħha d-decujus kienet iddisponiet, apparti dispożizzjonijiet oħra favur l-attriċi konġuntament ma' xi ħutha, partikolarment favur l-attriċi, mill-istess ġardina b'dana l-kliem:— "La testatrice Paola Cachia prelega a detta sua figlia Dolores, colla condizione che rimanesse nubile fino la morte della testatrice e coabitasse con lei, la giardinetta etc.";

Illi m'hemmx bżonn jingħad, l-għaliex donnhom il-partijiet jaqblu, li tant fl-ewwel kemm fit-tieni testment il-liberalità mħollija kienet ġiet hekk disposta favur il-gratifikata sabiex l-obbligu impost fl-ewwel testment sottintiż, u fit-tieni espress, u ċjoè dak tas-serviġi, ikun magħmul fl-interess tad-decujus u eskluživament fl-interess tat-testatriċi biss; u milli jidher, dak l-obbligu bħala fatt kien qiegħed diġà jsir mill-prelegatarja qabel it-tieni testment, l-għaliex il-kliem "għandha tibqa' tippresta s-serviġi", apposti fit-tieni dispożizzjoni testamentarja "de quo agitur", mhumiex, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, diversament interpretabili, skond il-preżunzjonijiet "hominis" u l-loġika naturali. Jingħad ukoll illi jekk l-obbligu tannubilità u tal-koabitazzjoni, imposti fl-ewwel testment, jimplikaw l-"onus" tas-serviġi fil-prelegatarja, tifla tad-decujus, li fil-fatt qabel dik id-dispożizzjoni mhux kontestat li kienet, oltre l-opera tagħha, tippresta lit-testatriċi anki l-kuri tagħha b'mod li din ħassitha li għandha tiggratifikaha, dik il-kondizzjoni — meħuda l-kelma fis-sens lat, u mhux ristrett, tagħha — kienet timporta, fil-ħsieb ta' dina l-istess Qorti, anki kwalifika ta' l-estensjoni ta' l-istess serviġi;

U jekk huwa hekk, meta fil-modifika tal-prelegat id-decujus ippurifikat il-kondizzjoni tan-nubilità, u ma semmietx il-koabitazzjoni, dik il-purifikazzjoni għandha jkollha rifless fuq l-estensjoni ta' l-istess serviġi u kuri, bħala li kellhom jibqgħu piż tal-prelagatarja kompatibilment ma' l-istat ġdid li bil-kuntentizza ta' l-omm kienet assumiet — stat li kien jimplika fiha, mhux għall-insaputa ta' l-omm, ċerta dipendenza

ta' natura ġuridika minn terza persuna mhix imdaħħla fl-oneru impost, dipendenza li kienet tponi limiti għall-volontà tagħha msaħħa bil-liġi, apparti l-evenjenzi eventwali fiżiċi konnaturali għall-istat taż-żwieġ;

Dika l-purifikazzjoni wkoll, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, kienet u għandha mill-banda l-oħra, timporta dimostrazzjoni ta' l-affermazzjoni reiterata u deċiża tal-volontà tad-decujus li tiggratifika lill-prelegatarja bla ma timponilha fiż-żewġ tavoli testamentarji ebda klawsola riżolutiva espressa, klawsola li setgħet timponilha fl-att ta' l-aħħar volontà; l-għaliex huwa risaput li l-klawsoli riżolutivi taċiti huma konnaturali biss għall-kuntratti sinallagmatiċi, u t-testment huwa att unilaterali. Mhux ozjuż li jingħad ukoll illi dika d-dispożizzjoni, in kwantu l-prelegatarja "għandha tibqa' tippresta s-serviġi u kuri lit-testatriċi", kienet il-piż in konsiderazzjoni tal-liberalità li biha l-prelegatarja ġiet favorita, li, kif għidna, milli jidher kien beda jiġi mogħti lill-attriċi minn qabel l-ewwel testment, mentri in kwantu li l-istess kellu jitkompla "salmewt ta' l-istess testatriċi", dawk il-kliem jirrappreżentaw u jimpurtaw it-terminu meta kellhom jiċċessaw, u ċjoè fil-ħajja ta' l-istess decujus li setgħet tikkontrollahom personalment, u f'każ ta' diżapprovazzjoni tagħmel b'mod li tirrimedja għannuqqas jekk, se maj, kienu l-kondizzjoni għal-liberalità mħollija;

Illi l-fatt inkontrastabili li l-piż ġie magħmul fl-interess eskluživ tad-decujus biss, aġġunt mal-fatt li l-formula wżata kienet "bil-kondizzjoni però", ekwivalenti aktar għall-partiċella latina "ut", ben diversa mill-partiċella "si", u ekwipollenti għall-kliem Taljan "affinchè", "a condizione di". "per", "coll'obbligo di", esprimenti "*modus*", *ben diversi* mill-kliem "in caso che", "in mancanza di", "supposto che", "purchè prima", u "col'obbligo di............, e non altrimenti", imsemmija mill-awtoritajiet bħala esprimenti u induċenti kondizzjoni, juru li dak il-piż kien modali anzikkè kondizzjonali. U del resto, fid-dubju ta' interpretazzjoni ċerta, kif intqal fuq, huwa paċifiku, tant fid-dottrina kemm fil-ġurisprudenza (ara sentenzi ċitati fin-nota ta' l-attriċi, kif ukoll Appell Bologna 3 ta' Awissu 1872, in re Pietromellara vs. Marsili, u l-Voet, li jgħid "magis pro modo quam pro conditione praesumendum

est, quia modus puram facit dispositionem quae perfectior pleniorque est quam conditionalis; in dubio autem pro eo quod perfectum est conjectura voluntatis capi debet") li l-kliem użati għandhom jiġu ntiżi li stabbilew "modus" anzikkè kondizzjoni;

Illi, stabbilit li l-kliem u l-formula wżata fid-dispożizzjoni "de quo dicimus" għandhom jittieħdu bħala modali, anzikkè kondizzjonali, u stabbilit il-fatt ġuridiku li għall-obligazzjonijiet modali huma applikabili r-regoli tal-kondizzjonijiet veri u proprji *bid-differenzi ben konoxxuti, jingħad ukoll illi l-attijiet* ta' l-aħħar volontà huma suxxettibili ta' interpretazzjoni aktar estiża u beninja, għad-differenza tal-kuntratti, u ma għandhomx ħlief jiġu intiżi, u kwindi jifteħmu, "quantum sonant";

Illi wara li ġew esposti dawn il-prinċipji, fil-fatt jingħad li tant kollox juri li l-volontà tad-decujus kienet li tiggratifika lil bintha, l-attriċi, għal dak li kienet għamlet magħha u dak li xtaqet li tibqa' tagħmel magħha sal-mewt — dak li jikkostitwixxi modalità. kif għidna — illi meta ġiet biex tagħmel it-tieni testment, għalkemm kienet taf li l-attriċi kienet sejra tpoġġi fini għall-prova tal-kommorazzjoni għal raġunijiet kumplessi, u prinċipalment għar-raġuni tal-persistenza ta' oppożizzjoni għall-kommorazzjoni u ta' l-indifferenza ta' ħuha Pinu Cachia versu żewġha, hija b'dana kollu kkonfermatilha dik il-liberalità. Huwa fatt li meta d-decujus ikkonfermat dik il-gratifikazzjoni bil-konoxxenza u xjenza, ma setgħetx ma tkunx taf li anki fl-estensjoni s-serviġi u kuri ma setgħux jibqgħu hekk immedjati u kontinwati u fil-kwantitativ, biex ngħiduhom hekk, kif kienu qabel. In-natura rimunerativa tal-legat "de quo", imbagħad tħassar u tinnewtralizza l-idea u menti ta' kondizzjonijiet veri u proprji; u dana apparti dak li ntqal li l-istess serviġi kienu intiżi mhux a vantaġġ ta' terzi persuni imposti lill-gratifikata — dak li juri kondizzjoni vera u proprja — imma a vantaġġ esklużiv tad-disponenti — dak li ġie dejjem ritenut "modus";

Argument ieħor li juri illi d-decujus kienet deċiża żżomm ferma d-dispożizzjoni ta' liberalità in kwistjoni, non ostanti li s-serviġi u kuri imposti kienu estensivament naqsu, wara li l-attriċi marret toqgħod fejn ħadha żewġha, jinsab fil-fatt li

hija, f'lok li rrevokat b'testment iehor dik id-dispożizzjoni, *adoperat ruhha ma' hut l-attriċi biex iġibuha f'post aktar viċin ta' proprjetà tagħhom*, billi ħarġet per mezz tal-Board tal-Kera lil min kien f'dak il-post, u bajditulha; imma dana sfortunatament kien lest xi ħmistax qabel ma mietet; u dana juri li għalkemm k-llha x-xewqa li jkollha viċin tagħha lill-attriċi —*li kienet soġġetta għall-awtorità* maritali ta' żewġha—hija kienet kuntenta b'dak in-nuqqas dovut għas-separazzjoni, konsegwenza tan-nuqqas ta' komunorazzjoni, li hija b'hekk uriet li ma kienetx fil-menti tagħha li għandha tkun ristabbilita, jekk fit-tieni testment għandha tiġi kunsidrata—dak li ma taħsebx dina l-Qorti;

Intqal li d-decujus ma kellhiex għalfejn tagħmel testment iehor biex tirrevoka d-dispożizzjoni "de quo", il-għaliex l-istess dispożizzjoni fiha nnifisha taċitament kienet timplika d-*dekadenza, fis-sens illi jekk l-attriċi ma tkomplix tirrendi s-serviġi* u l-kuri, jew li tirrendihom f'estensjoni anqas milli kienet tagħtihom qabel, "motu proprio" kellha tiddekadi. Imma jerġa' jingħad illi jekk fil-kuntratti sinallagmatiċi jista' jkun hemm il-kondizzjoni riżolutiva taċita, fit-testmenti, għaliex *unilaterali*, dik *il-kondizzjoni* ma hix ta' natura ta' dawk l-attijiet, kif dejjem irriteniet id-dottrina. U barra minn dan, fil-"*modus*", a *differenza mill-"kondizzjoni"*, hemm bżonn tal- messa in mora, jew prova ċara ta' "dolus" jew "culpa". Għalkemm il-konvenuti għamlu t-tentativi kollha sabiex jivvulneraw l-azzjoni attriċi, la kienu kapaċi jitħassru s-serviġi li għamlet l-attriċi, il-għaliex bejn il-linji ammettewhom, u anqas irnexxielhom jippruvaw bla ombra ta' ambigwità li l-attriċi rrinunzjat għal dak li lilha ġie mħolli; u dana apparti li *bniedem ma jistax jirrinunzja għal ħaġa u dritt li għadu* mhux tiegħu, u apparti kwistjonijiet oħra legali ta' rinunzji ta' drittijiet provenjenti u mnisslin minn atti ta' ultima volontà, fejn il-volontà tad-decujus tkun għadha "ambulatoria", u *tibqa' hekk "usque ad mortem"*. *Dak li seta'* qal żewġ l-attriċi ma jistax jippreġudika lilha; u anki dak li setgħet qalet l-istess attriċi, il-għaliex forsi kienet infaskata peress li ommha kienet ħalliet il-post fejn kienet tabita bħala prelegat lil ħutha Pinu u Amabile aħwa Cachia ma jfisser xejn, meta mbagħad baqgħet tmur tliet darbiet fil-ġimgħa għandha kwa-

żi kostantement, salvi xi okkażjonijiet sporadiċi meta kien iħossha ħażin, u meta wriet dik il-korrispondenza ta' affetti attivament versu ommha, u l-istess ommha kienet u *dehret li* kienet soddisfatta biha bħala l-unika persuna li in favur tagħha sar il-piż tal-*liberalità*;

Illi n-nuqqas ta' estensjoni ta' serviġi, del resto, kien dovut għal fatt indipendenti mill-volontà tal-legatarja; u meta l-legatarju "cum onere" ma jadempix il-volontà tat-testatur (f'dan il-każ, se maj, ma *adempiħiex fl-estensjoni kollha li* l-konvenuti jippretendu, il-għaliex l-omm ma wrietx attivament li mmwoviet kwerela), id-dritt tal-legat ma jintilefx (ara L. 21, de cond. et demonst.; L. 92 Dig. de legat. 1; Leg. 1 Cod. de his quae sub modo; u Leg. 17 Dig. de legat. 1);

Illi fid-dispożizzjonijiet modali hija ammessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża (ara Rota Romana coram Olivario, 27 ta' Marzu 1767); u dana huwa wkoll ritenut fis-sentenzi relativament moderni—salv li ma kienx hemm pjenament dimostrat id-"dolus" jew il-"culpa" fl-eredi jew legatarju inadempjenti, jew, skond il-każ, ma jkunx hemm il-"mora" (każi li f'dana l-każ ma jidherx li rrikorrew); kwalunkwe skuża li tinmerita dana l-isem tista' tkun valida sabiex tiġi evitata d-dekadenza, li hija ħaġa odjuża. Anzi skond ċerta *dottrina hija* ammessa l-"excusatio per quamlibet causam, etiam bestialem". Imma dina' l-Qorti mhix disposta taċċetta dina l-aħħar teorija *msemmija* (ara Appell Bologna, 11 ta' Marzu 1885, in re "Ataldi Ercolani vs. Buratti");

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, l-attriċi ma ddekadietx mill-legat imsemmi, li huwa ta' natura modali, magħmul bil-kawża impellenti msemmija, u t-talba tagħha għandha tiġi kwindi akkolta;

*Illi d-diffikultà fil-meritu tissuġġerixi temperament fl-ispejjeż;*

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, u tinnomina għall-publikazzjoni ta' l-att lin-Nutar Alexander Sceberras Trigona, u *sabiex jiġu rappreżentati l-kontumaċi lill-avukat* Dr. *Joseph Buttigieg Desira.* L-ispejjeż jitħallsu erbgħa kwinti mill-konvenuti u kwint mill-attriċi, wara li jinġabru

kollha flimkien. U b'hekk tponi fini għall-kawża f'dina l-istanza.